MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 381/2008

GO p.l.c. (C22334).

Vs

Josette Abo Zeid (Id. 364971M) u b'digriet tat-28 ta' Mejju 2009, it-Tribunal ordna li jigi kjamat in kawza Tamer Abo Zeid.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi l-konvenuta tigi kundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef u hamsa u disghin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€3095.27), in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 585972 skond diversi kontijiet mibghuta lill-konvenuta, li minkejja li giet interpellata diversi drabi sabiex thallas, baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Bl-

ispejjes u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta li eccepiet i. preliminarjament il-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta); ii. sussidjarjament u minghajr pregudizzju, l-allegat ftehim anness bhala Dok. JZ3 huwa null u bla effett stante li l-kunsens tal-intimata kien vizzjat minhabba vjolenza fisika u/jew morali jew minhabba zball fis-sustanza, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni; iii. sussidjarjament ukoll li hi mhiex wahedha l-legittima kontradittrici stante li s-servizz mertu ta’ dawn il-proceduri intuza waqt is-zwieg tal-eccipjenti u ghalhekk il-kreditu pretiz ghandu jigi vantat kontra r-ragel tgahha Tamer Abo Zeid, u tirriserva li tissejjah lil zewgha fil-kawza; iv. minghajr pregudizzju t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni; salvi eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjes kontra s-socjeta’ attrici.

Ra r-rikors tal-konvenuta tal-21 ta’ April 2009.

Ra r-risposta tas-socjeta’ attrici tat-23 ta’ April 2009.

Ra d-digriet tieghu tat-28 ta’ Mejju 2009.

Ra l-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Novembru 2009.

Sema x-xhieda ta’ Dr. Ingrid Zammit Young prodotta mis-socjeta’ attrici..

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi in sostenn tat-talba taghha s-socjeta’ attrici pproduciet diversi dokumenti, fosthom applikazzjoni ghas-servizz telefoniku in kwistjoni datat 16 ta’ April tas-sena 1996,

liema applikazzjoni hija ffirmata mill-konvenuta wahedha. Gie wkollipprezentat dak li jissejjah ‘Payment Programme Agreement’ datat 7 ta’ Novembru 2006, fejn jidher li sar ftehim bejn is-socjeta’ attrici u l-konvenuta, sabiex din ta’ l-ahhar thallas l-ammont dovut lis-socjeta’ attrici f’pagamenti mensili, skond il-kundizzjonijiet hemm imposti mis-socjeta’ attrici.

Illi x-xhud Dr. Ingrid Zammit Young, prodotta mis-socjeta’ attrici, xehedet illi l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut sa llum u spjegat ukoll illi l-konvenuta ffirmat Payment Programme Agreement mas-socjeta’ attrici, fejn ammettiet li ghandha taghti s-somma hemm indikata lis-socjeta’ attrici, u anki hallset l-ewwel pagament akkont meta ffirmat l-istess Agreement..

Illi minn-naha taghha, l-konvenuta alavolja inghatat l-okkazzjoni li taghmel dan, naqset milli tipproduci l-provi taghha, u naqset li taghmel kwalsiasi tentattiv sabiex tinnotifika lill-zewgha wara li talbet li jigi kjamat in kawza.

Illi rigward l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta, ai termini ta’ l-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, t-Tribunal josserva li meta l-konvenuta iffirmat il-Payment Programme Agreement mas-socjeta’ attrici fis-7 ta’ Novembru 2006, hija mhux biss kienet qed tammetti li kellha taghti l-ammont mitlub lis-socjeta’ attrici, izda sahansitra ghamlet pagament ta’ dan l-ammont akkont. B’hekk huwa car li f’dak il-mument il-preskrizzjoni ta’ hames snin giet interrotta. Mbaghad madwar sentejn wara, l-kawza odjerna giet ipprezentata. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni ma tistax tigi milqugha.

Illi fir-rigward tal-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-konvenuta, kif gja inghad, ma ngabet l-ebda prova kwalsiasi in sostenn ta’ l-istess, u ghalhekk it-Tribunal ma jara l-ebda raguni ghalfejn it-talba attrici m’ghandhiex tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal, filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta, jilqa t-talba attrici u jikkundanna l-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-

somma ta' tlett elef u hamsa u disghin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€3095.27), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------